

Brussell, 13 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14096/17

COLAC 120
CFSP/PESC 980
RELEX 954

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: ST 14067/17 COLAC 118 CFSP/PESC 976 RELEX 948 COPS 354

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela, adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fil-laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Novembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-VENEZWELA

Kunsill Affarijiet Barranin, 13 ta' Novembru 2017

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tfakkar fil-konklużjonijiet tagħha tal-Kunsill ta' Lulju 2016 u Mejju 2017 u tirriafferma li d-djalogu kostruttiv u n-negozjati huma l-uniku mod sostenibbli għall-indirizzar tal-kriżi attwali u r-rispons għall-ħtiġijiet urġenti tal-poplu tal-Venezwela. Għaldaqstant hija tinsab lesta li tappoġġa negozjar kredibbli li jinvolti l-atturi kollha rilevanti li jista' jwassal għal soluzzjonijiet komuni għad-diversi sfidi fil-pajjiż.
2. Reċentement, l-elezzjonijiet tal-gvernaturi tal-15 ta' Ottubru saru fost bosta rapporti ta' irregolaritajiet u r-riżultati ma kinux rikonoxxuti minn parti kbira tal-oppożizzjoni. L-UE tappella għal trasparenza sħiħa rigward ir-riżultati ta' dawn l-elezzjonijiet permezz ta' verifika komprensiva u indipendenti. Sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja tan-nies fl-elezzjonijiet, huwa importanti li jiġu żgurati proċessi elettoralni kredibbli u kompożizzjoni aktar ibbilanċjata tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali. L-UE tesprimi wkoll it-tħassib tagħha dwar in-nuqqas ta' rispett għall-mekkaniżmi stabbiliti bil-kostituzzjoni għall-ħatra u l-funzjonament tal-Gvernaturi l-ġodda, fosthom l-iskwalifika tal-Gvernatur elett tal-Istat ta' Zulia.

3. Dawn l-iżviluppi aċċentwaw il-polarizzazzjoni politika fil-pajjiż. It-twaqqif ta' Assemblea Kostitwenti b'ħafna setgħat, kompli jiddeterjora l-istituzzjonijiet demokratiċi u indipendenti. L-UE ttenni li ma tistax tirrikonoxxi l-Assemblea Kostitwenti jew l-atti tagħha minħabba tħassib serju dwar il-leġittimità u r-rappreżentanza tagħha. L-UE tfakkar fl-importanza tar-rispett għall-prerogattivi tal-Assemblea Nazzjonali u l-Membri tagħha u l-indipendenza tal-ġudikatura. Rapporti, inkluż dawk mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma raġuni oħra ta' tħassib, bħalma huma l-ħtiġijiet dejjem aktar urġenti tal-popolazzjoni li qed jaffettwaw id-drittijiet tagħhom, bħalma huma d-dritt għall-ikel u d-dritt għas-saħħa.
4. F'dan il-kuntest, flimkien mal-isforzi politiċi u diplomatiċi tiegħu b'appoġġ għal soluzzjoni paċifika negoziata għall-kriżi politika, il-Kunsill illum iddeċieda b'unanimità li jadotta miżuri restrittivi, li jenfasizzaw it-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż. Dawn jikkonsistu f'embargo fuq l-armi u materjal relatat li jista' jintuża għal repressjoni interna, kif ukoll qafas legali għal projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar tal-assi.
5. Dawn il-miżuri ser jintużaw b'mod gradwali u flessibbli u jistgħu jiġu estenzi, billi jiffokaw fuq dawk involuti fin-nuqqas ta' rispett tal-prinċipji demokratiċi jew tal-istat tad-dritt u l-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-miżuri jkunu jistgħu jitreggġu lura skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-pajjiż, partikolarment iż-żamma ta' negozjati kredibbli u sinifikattivi, ir-rispett lejn l-istituzzjonijiet demokratiċi, l-adozzjoni ta' kalendarju elettorali sħiħ u l-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha. Dawn il-miżuri tfasslu biex ma jagħmlux ħsara lill-popolazzjoni tal-Venezwela billi l-UE tixtieq ittaffi s-sitwazzjoni li jinsabu fiha.

6. Ir-responsabbiltà primarja biex tintemm il-kriżi fil-Venezwela hija f'idejn il-pajjiż. L-UE tappella lill-gvern biex b'mod urġenti jerġa' jdaħħal il-leġittimità demokratika, inkluż permezz ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u tappella lill-oppożizzjoni biex tkompli tinvolvi ruħha b'sens ta' għaqda favur soluzzjoni negozjata tat-tensjonijiet attwali, fl-interess tal-pajjiż. L-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha fi sforzi reġjonali u internazzjonali biex tinstab soluzzjoni deġġiema għall-kriżi.
-